# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju 2022**

**Talba Nru: 120/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Vivendo Malta Ltd (C46406)**

**Vs**

**Sharon Aquilina**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' April 2021, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elfejn, mitejn u sebgħa u erbgħin Ewro u erba' ċenteżmi (€2,247.04) rappreżentanti bilanċ minn ammont dovut għal-merċa mibjugħa u kkonsenjata kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra interpellatorja tal-20 ta' Ottubru 2020 u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti anness mal-istess Avviż[2];

Ra lill-konvenuta, debitament notifikata[3], naqset milli kemm tirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u milli tressaq risposta formali. B'hekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja[4];

Sema' x-xhieda ta' Jeannelle Abela[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li waqgħet fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[6].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala x-xhieda ta' Jeannelle Abela, li kkonfermat ukoll l-fattura eżebita m'għandhiex titwemmen.

---

[2] Immarkati bħala Dok A u Dok B, a fol 3 u 4 tal-proċess.
[3] Permezz tal-proċedura t'affissjoni u pubblikazzjoni
[4] Verbal tas-26 ta' April 2022.
[5] Magħmula fis-seduta tas-26 ta' April 2022. Xhieda relattiva tinsab a fol 21 *et seq* tal-proċess.
[6] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

Illi madanakollu, dan it-Tribunal jinsab ma jistax jakkorda l-ispejjeż tal-ittra interpellatorja mitluba fl-Avviż u dan għaliex l-istess qatt ma ġiet preżentata formalment u lanqas ingħatalu ħjiel ta' kemm l-istess spejjeż jistgħu jkunu[7].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u għalhekk jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi somma ta' elfejn, mitejn u sebgħa u erbgħin Ewro u erba' ċenteżmi (€2,247.04) bl-imgħax legali mid-19 ta' April 2021[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] Dan b'differenza għal dak li seħħ u ġie deċiż minn dan it-Tribunal fis-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Perit Daniel Grima vs Raymond Azzopardi,** (Tlb Nru: 207/2021) deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2022.

[8] Data tal-preżentata tal-Avviż u dan bl-adoperu tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.